*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

*KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 19– 15 ta' Lulju 2025**

***Minuti tad-dsatax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-15 ta' Lulju 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 18. Il-laqgħa bdiet fis-6:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**Pubbliku:** Ħadd

19.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Attard, sekondata mill-Viċi Sindku Joseph Agius, il-minuti ġew approvati unanimament.

19.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Dwar Triq Luret Cutajar, is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill, li x-xogħol mill-IM issa kien lest. Saru bankini li huma tal-istess livell tar-rampi li jistgħu jaghtu lok ghall-parkegg abbussiv u saret talba ghal- U bars biex dan l-abbuz jitneħħa.
- Dwar Spazju miftuħ is-Sindku Steve Zammit Lupi ta spjegazzjoni dwar il-proġett li ħa jsir minn Project Green fl-istess akwata li ser jinkludi Dog Park.
- Dwar Triq Dun Karm Psaila, is-Sindku ħa parir professjonali sabiex tissaħħaħ id-deċiżjoni tal-Kunsill. Ser jitpoġġew żewġ traffic counters f'din it-triq u ieħor fi Triq tad-Dawl sabiex tinġabar data dwar l-ammont ta'vetturi, id-direzzjoni u l-piż tal-vettura. L-ispiża titla għal madwar Eur1000.
- Fil-bidu ta' Settembru ser issir wirja tal-għasafar ġewwa l-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ.
- Il-preparamenti għal festa ta' San Gużepp kollha kienu lesti inkluż dwar il-ħasil tal-pjazza wara l-festa.
- Jum Ħaż-Żebbuġ ser jkun ċelebrat il-Ġimgħa 24 t'Ottubru 2025
- Dwar armar tal-Milied, is-sindku nforma lill-Kunsill li kien offrut diversi armar tal-Milied li tagħhom kienu preżentati xi ritratti, u li l-prezz mitlub tagħhom kien ta'

Eur35,000 meta dawn inxtraw għal Eur100,000. Il-ħlas għalihom ser ikun mifrux fuq tlett snin possibilment li jkun kopert bi sponsor. Is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li jinxtraw u l-Kunsillier Ayrton Mizzi ssekondah. Kien hemm qbil unanimu. L-iskop huwa li it-tiżjin tal-Milied jinfirex f'toroq oħra u mhux fiċ-ċentru biss.

- Kien spjegat li fil-ġnien ta' quddiem il-Peridot Hall, id-dawl huwa maqtugħ u antik u jeħtieġ li tinbidel is-sistema. Għandhom jinxtraw ħames arbli għal dawl ġdid u moderni. Sadanittant il-fanali tal-monti jitpoġġew fi Ġnien Pawlu Debono. Fuq proposta tas-Sindku sekondata mill-Kunsillier Mario Attard, kien hemm unanimu li dan ix-xiri ta' dawl isir.

  Dwar l-istess tema ta' dawl is-Sindku nforma li l-Gvern ser ibiddel il-bozoz kollha ta' Malta, sabiex l-istreetlight ikun uniformi kullimkien.
- Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li l-Enemalta ser tagħmel xi xogħlijiet fi Triq Ganni Bonnici u Triq Ewgenju Borg sabiex tissaħħaħ il-provvista tad-dawl. F'dawn ix-xoghlijiet ser ikunu nklużi tlett zebra crossings ġodda li kienu pjananti mill-Kunsill Lokali. It-trinek ser jgħaddu minn taħt il-pont u l-passaġġ pedonali se jerġa jsir mill-ġdid.

19.3 Tenders

Wara li kien preżentat ir-rapport imħejji mis-sistema dwar it-tender tal-knis, rapport li jkun ippreżentat bir-ranking b'kollox, fejn il-kuntrattur Chris Bezzina kien konformi filwaqt li kien

l-irħas wieħed u għaldaqstant kellu jintagħżel hu. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Viċi-Sindku Joseph Agius, kien hemm qbil unanimu li jkun approvat dan ir-rapport.

19.4 Trinka f'Triq Santa Marija

Dwar it-trinka fi Triq Santa Marija, ix-xogħlijiet suppost għandhom isirhom fil-viċin.wara pressjoni mill-Kunsill. Il-kuntrattur kien mitkellem wara pariri legali li ngħatajna u anke jekk hemm id-diżgwid ma' min intalbu ix-xogħlijiet, xorta hija r-responsabilita tal-kuntrattur biex dan ix-xogħol isir. Intqal li dan ix-xogħol jiswa mal-Eur100,000 u la mhux lest li jħallashom min ikkummissjona ix-xogħol, hija mbagħad f'idejn il-kuntrattur li jfittxu ċivilment.

19.5 Sinkhole f'Triq Dawra Nizla San Pawl

Dwar it-toqba li feġġet fi Triq Dawret in-Niżla ta' San Pawl u li ilha żmien għaddejja fil-qorti, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kien ilu żmien ma tiġi mgħarrfa li hemm seduta u pero sa fl-aħħar il-Kunsill ingħata il-permess li jgħatti din it-toqba bi pjanċa sakemm ma jitkomplew is-seduti tal-qorti.

19.6 Art f'Triq Michael Debono - Hal-Mula

Saret talba mill-privat biex isir rezoning ta' art u b'hekk jinbnew appartamenti. Is-Sindku Steve Zammit Lupi wara li kien hemm qbil li l-Kunsill ser joġġezzjona għal dan l-iżvilupp, qal li ser ikun mitkellem il-Perit Anthony Gatt sabiex jagħmel din l-oġġezzjoni f'isem il-

Kunsill. Din il-mozzjoni kienet proponuta mis-Sindku Steve Zammit Lupi u sekondata mill-Kunsillier Ayrton Mizzi, filwaqt li kien hemm qbil unanimu dwarha.

19.7 Palazzo Buleben

It-taħditiet ilhom għaddejjin dwar dan is-suġġett. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li saret talba lill-Gvern biex jinxtara dan il-palazz u l-ġonna ta' madwar kif ukoll il-kappella, liema talba kellha tiġi diskussa mill-Kabinett. It-talba telgħet anke quddiem il-Prim Ministru. Ma jidhirx li din it-talba tista tintlaqa kollha kemm hi minħabba li l-prezz huwa għoli u minħabba li jkun hemm diversi talbiet simili minn lokalitajiet oħra.

Għaldaqstant la ma jistax jinxtara kollu, jinxtara parti mill-gnien, il-parti l-aktar li hi mitluqa kif ukoll il-kappella u d-dar ta' magħha. Il-Ministru Owen Bonnici ta l-messaġġ li interess jidher li hemm. Pero il-Gvern jixtieq li ssir it-talba mill-privat u mill-Kunsill u għandha ssir konġunta.

Ġie mfassal MOU li nqara mill-Perit Malcolm Cachia, Dr. Phyllis Aquilina u l-Perit Anthony Gatt. Fuq talba tal-Kunsill li jidher li hemm qbil mal-privat, parti mill-ġnien ser ikun miftuħ għall-pubbliku u l-Kunsill jkollu l-fakulta li jorganizza attivitajiet kulturali hemmhekk. Il-Viċi Sindku Joseph Agius ippropona li tkun approvata l-MOU li ġiet moqrija waqt il-laqgħa. Hu kien sekondat mill-Kunsillier Dr. Paolo Mazzola. Kien hemm qbil unanimu li l-MOU tkun approvata kif preżentata.

19.8 Carrying Capacity - Studju

Il-Kunsillier Dr. Paolo Mazzola talab li jsir studju mill-Kunsill dwar il-carrying capacity ta' Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li jrid ikun spjegat eżattament dan l-istudju dwar xhiex għandu jkun għaliex huwa vast ħafna.

Il-Viċi-Sindku Joseph Agius qal li din diġa saret f'parti mir-riforma tal-gvern u li rapport hekk jiswa l fuq minn Eur50,000.

Ir-reġjun diġa għamel social impact assessment li ser ikun launched f'Settembru/Ottubru li ġej.

Il-Kunsilliera li jirrapreżentaw lill-Partit Nazzjonalista xtaqu li bħala prinċipju jkun hemm qbil . Il-Viċi-Sindku ġab għall-attenzjoni r-rapport tar-reġjun li għandu t-titlu ta' social impact assessment.

Il-carrying capacity bħala principju u bħala ħsieb għandi tiġi żvilluppata u diskussa u amalgamata skont kif propost mir-reġjun fl-2024. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu mplimentati. Għal din il-proposta kif preżentata mill-Kunsillier Dr. Paolo Mazzola u sekondata mis-Sindku Steve Zammit Lupikien hemm qbil unanimu.

19.9 Festival Muzika u Kultura

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li l-Kunsill ingħata Eur17,000 għal din l-attivita  bl-isem għaż-Żiffa taż-Żebbuġ. Ser ikun hemm mużika, ikel u xorb u ser ikunu nvoluti anke tal-Kazini

Is-Sindku Steve Zammit Lupi fakkar li fl-20 ta’ Settembru ser issir Festa Tfal fil-pjazza ta’ Ħaż-Żebbuġ.

19.10 Vot tal-Flus

Kien propost mis-Sindku Steve Zammit Lupi li l-vot tal-flus ikun approvat kif preżentat. Kien sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius.

19.11 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:05pm.

| | |
|---|---|
| **Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |